# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1143

**tal-10 ta' Awwissu 2018**

**li temenda d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE u 93/197/KEE fir-rigward tal-ittestjar għall-arterite virali ekwina**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 5071)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a) u l-ewwel subparagrafu tal-punt (b)(ii) tal-Artikolu 15, l-Artikolu 16(2) u l-frażi introduttorja u l-punt (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/156/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' ekwidi ħajjin. Hi tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi, fost affarijiet oħra, il-kundizzjonijiet speċjali għad-dħul temporanju tal-ekwidi rreġistrati u għall-importazzjoni tal-ekwidi fl-Unjoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE ([2]) tipprevedi li l-Istati Membri jridu jawtorizzaw id-dħul temporanju fl-Unjoni ta' żwiemel irreġistrati li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja stabbiliti, fost l-oħrajn fl-Anness II (A) sa (E) tagħha.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE ([3]) tipprevedi li l-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ekwidi rreġistrati u ta' ekwidi għat-tnissil u l-produzzjoni li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja stabbiliti, fost l-oħrajn fl-Anness II (A) sa (E) tagħha.

(4) Jekk ikunu ġejjin minn pajjiż terz li fih kienet irrappurtata uffiċjalment l-arterite virali ekwina matul l-aħħar sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni, l-ekwidi maskili mhux kastrati jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni biss wara li jkunu ġew ittestjati b'riżultat negattiv għall-arterite virali ekwina jew wara li jkunu ġew imlaqqma u mlaqqma mill-ġdid b'mod regolari kontra din il-marda.

(5) Barra mir-rekwiżiti tal-Unjoni għall-ittestjar jew għat-tilqim tal-ekwidi maskili mhux kastrati maħsuba biex jiddaħħlu fl-Unjoni, il-Kapitolu 12.9 tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri ("il-Kodiċi") tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), l-Edizzjoni 2017 ([4]), fih rakkomandazzjoni dwar l-ittestjar tal-ekwidi maskili mhux kastrati għall-arterite virali ekwina.

(6) Fejn ma jkunx jista' jinkiseb kampjun tas-semen biex ekwid maskili mhux kastrat seropożittiv jiġi ttestjat u ma jkunx jista' jiġi ċċertifikat li tlaqqam b'mod kontintwu, it-tgħammir b'test tal-ekwid maskili ma' żewġ debbiet seronegattivi kif deskritt fil-punt 4(a) tal-Artikolu 12.9.2 tal-Kodiċi jkun protokoll alternattiv xieraq biex jiġi żgurat li dawk l-ekwidi maskili mhux kastrati ma jittrażmettux il-virus tal-arterite ekwina fis-semen tagħhom.

(7) Minħabba li l-iskarsezza fil-provvista tat-tilqim kontra l-arterite virali ekwina, huwa neċessarju li jkun ipprovdut protokoll tal-ittestjar għall-arterite virali ekwina b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OIE u li ċ-ċertifikati tas-saħħa jiġu emendati kif stipulat fl-Anness II (A) sa (E) tad-Deċiżjonijiet 92/260/KEE u 93/197/KEE skont dan.

([1]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE tal-10 ta' April 1992 dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati (ĠU L 130, 15.5.1992, p. 67).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni tal-veterinarju għall-importazzjoni ta' annimali tar-razza tal-ekwidi rreġistrati għat-tnissil u produzzjoni (ĠU L 86, 6.4.1993, p. 16).
([4]) http://www.oie.int/index.php?id=169&L=0&htmfile=chapitre_eav.htm.

(8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE u 93/197/KEE jiġu emendati skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II (A) sa (E) tad-Deċiżjoni 92/260/KEE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Anness II (A) sa (E) tad-Deċiżjoni 93/197/KEE huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

Id-Deċiżjoni 92/260/KEE hija emendata kif ġej:

(1) f'kull wieħed miċ-ċertifikati tas-saħħa fl-Anness II (A) sa (E), il-punt (e)(v) tat-Taqsima III huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) (v) fil-każ ta' annimal maskili mhux kastrat li għandu iżjed minn 180 jum,

— jew l-arterite virali ekwina ġiet uffiċjalment irreġistrata matul l-aħħar sitt xhur (3);

jew

— l-annimal kien ittestjat b'kampjun tad-demm meħud fi żmien 21 jum qabel l-esportazzjoni fi ..... (5) b'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 (3);

jew

alikwota tal-isperma intiera tiegħu meħuda fi żmien 21 jum qabel l-esportazzjoni fi ..... (5) ġiet ittestjata b'test ta' iżolament tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv (3);

jew

l-annimal ġie soġġett għal test ta' iżolament tal-virus, għal reazzjoni katina bil-polimeraży (PCR) jew għal reazzjoni katina bil-polimeraży f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tal-isperma intiera tiegħu li nġabret wara li ġie meħud kampjun tad-demm ta' dak l-annimal fi ..... (5), fi żmien perjodu ta' sitt xhur qabel id-data tal-konsenja, u ġie ttestjat f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' mill-inqas 1 f'4 (3);

jew

fi żmien perjodu ta' sitt xhur qabel id-data tal-konsenja, l-annimal ekwin maskili, li qabel kien irriżulta pożittiv għall-antikorpi kontra l-arterite virali ekwina jew li tlaqqam kontra l-arterite virali ekwina, kien:

(a) mgħammar b'test, f'jumejn konsekuttivi, ma' mill-inqas żewġ debbiet miżmuma f'iżolament matul sebat ijiem qabel u sa mill-anqas 28 jum wara t-tgħammir b'test, li kienu soġġetti għal żewġ testijiet seroloġiċi għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, fuq kampjuni tad-demm miġbura meta sar it-tgħammir b'test u mill-inqas 28 jum wara t-tgħammir b'test, u

(b) soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina mwettaq fuq kampjun tad-demm li ttieħed fi żmien 21 jum qabel id-data tal-konsenja fi ..... (5):

— jew b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' mill-inqas 1 f'4 (3), jew

— b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 (3);

jew

— l-annimal tlaqqam fi ..... (5) kontra l-arterite virali ekwina taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti, skont il-programmi għat-tilqim inizjali li ġejjin u reġa' tlaqqam f'intervalli regolari: (3)

**Programmi għat-tilqim inizjali kontra l-arterite virali ekwina:**

*Struzzjoni*: *Aqta' l-programmi ta' tilqim li ma jgħoddux għall-annimal deskritt hawn fuq.*

*Ivverifika ċ-ċertifikazzjoni ta' sostenn dwar l-ittestjar qabel it-tilqim, meta jsir it-tilqim u t-tilqim mill-ġdid.*

(a) It-tilqim sar fil-jum li ttieħed il-kampjun tad-demm li sussegwentement irriżulta negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 (3); jew

(b) It-tilqim sar matul perjodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali, li tibda fil-jum li ttieħed il-kampjun tad-demm li ġie ttestjat matul dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 (3); jew

(c) It-tilqim sar meta l-annimal kellu bejn 180 u 270 jum, matul perjodu ta' iżolament taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali. Matul il-perjodu ta' iżolament, żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas għaxart ijiem bejniethom irriżultaw f'titru tal-antikorpi stabbli jew li kien qed jonqos f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina (3); jew

(d) It-tilqim sar wara li l-annimal ġie soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, li sar f'kampjun tad-demm li ttieħed mhux qabel sebat ijiem wara l-bidu ta' perjodu kontinwu ta' iżolament li jkun dam sa 21 jum wara t-tilqim ([3]); jew

(e) It-tilqim sar fl-età ta' bejn 180 u 250 jum, wara li l-annimal ġie soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina li rritorna riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 jew li sar fl-istess jum mill-istess laboratorju b'titri stabbli jew li kienu qed jonqsu fuq żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas 14-il jum bejniethom ([3]);

jew

— kwalunkwe rekwiżit għall-ittestjar għall-arterite virali ekwina jew għat-tilqim kontra l-arterite virali ekwina tneħħa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ..... (*daħħal ir-referenza għall-att legali tal-Unjoni applikabbli*) għar-raġuni li l-annimal qed jiddaħħal temporanjament fl-Unjoni biex jipparteċipa fl-avveniment ekwestri speċifikat f'dak l-att legali u li l-annimal qed jinżamm separat minn ekwidi oħrajn li mhumiex jipparteċipaw f'dan l-avveniment, u li kull attività ta' tnissil, inkluż il-ġbir tas-semen, hija pprojbita waqt ir-residenza temporanja fl-Unjoni ([3]);";

(2) f'kull wieħed miċ-ċertifikati tas-saħħa fl-Anness II (A), (B) u (D), in-nota 6 f'qiegħ il-paġna titħassar;

(3) f'kull wieħed miċ-ċertifikati tas-saħħa fl-Anness II (C) u (E), in-nota 7 f'qiegħ il-paġna titħassar.

*ANNESS II*

Id-Deċiżjoni 93/197/KEE hija emendata kif ġej:

(1) f'kull wieħed miċ-ċertifikati tas-saħħa fl-Anness II (A), (C), (D) u (E), il-punt (e)(v) tat-Taqsima III huwa sostitwit b'dan li ġej:

"([3]) (v) fil-każ ta' annimal maskili mhux kastrat li għandu iżjed minn 180 jum,

— jew l-arterite virali ekwina ma ġietx uffiċjalment irreġistrata matul l-aħħar sitt xhur ([3]);

jew

— l-annimal kien ittestjat b'kampjun tad-demm meħud fi żmien 21 jum qabel l-esportazzjoni fi ..... ([4]) b'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([3]);

jew

alikwota tal-isperma intiera tiegħu meħuda fi żmien 21 jum qabel l-esportazzjoni fi ..... ([4]) ġiet ittestjata b'test ta' iżolament tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv ([3]);

jew

l-annimal ġie soġġett għal test ta' iżolament tal-virus, għal reazzjoni katina bil-polimeraży (PCR) jew għal reazzjoni katina bil-polimeraży f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tal-isperma intiera tiegħu li nġabret wara d-data ta' kampjun tad-demm ta' dak l-annimal meħud fi ..... ([4]), fi żmien perjodu ta' sitt xhur qabel id-data tal-konsenja, ġie ttestjat f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' mill-inqas 1 f'4 ([3]);

jew

fi żmien perjodu ta' sitt xhur qabel id-data tal-konsenja, l-annimal ekwin maskili, li qabel kien irriżulta pożittiv għall-antikorpi kontra l-arterite virali ekwina jew li tlaqqam kontra l-arterite virali ekwina, kien:

(a) mgħammar b'test, f'jumejn konsekuttivi, ma' mill-inqas żewġ debbiet miżmuma f'iżolament matul sebat ijiem qabel u sa mill-anqas 28 jum wara t-tgħammir b'test, li kienu soġġetti għal żewġ testijiet seroloġiċi għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, fuq kampjuni tad-demm miġbura meta sar it-tgħammir b'test u mill-inqas 28 jum wara t-tgħammir b'test, u

(b) soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina mwettaq fuq kampjun tad-demm li ttieħed fi żmien 21 jum qabel id-data tal-konsenja fi ..... ([4]):

— jew b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' mill-inqas 1 f'4 ([3]), jew

— b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([3]);

jew

— l-annimal tlaqqam fi ..... ([4]) kontra l-arterite virali ekwina taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti, skont il-programmi għat-tilqim inizjali li ġejjin u reġa' tlaqqam f'intervalli regolari: ([3])

| |
|---|
| **Programmi għat-tilqim inizjali kontra l-arterite virali ekwina:**<br>*Struzzjoni*: *Aqta' l-programmi ta' tilqim li ma jgħoddux għall-annimal deskritt hawn fuq.*<br>*Ivverifika ċ-ċertifikazzjoni ta' sostenn dwar l-ittestjar qabel it-tilqim, meta jsir it-tilqim u t-tilqim mill-ġdid.* |
| (a) It-tilqim sar fil-jum li ttieħed il-kampjun tad-demm li sussegwentement irriżulta negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([3]); jew<br>(b) It-tilqim sar matul perjodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali, li tibda fil-jum li ttieħed il-kampjun tad-demm li ġie ttestjat matul dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([3]); jew<br>(c) It-tilqim sar meta l-annimal kellu bejn 180 u 270 jum, matul perjodu ta' iżolament taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali. Matul il-perjodu ta' iżolament, żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas għaxart ijiem bejniethom irriżultaw f'titru tal-antikorpi stabbli jew li kien qed jonqos f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina ([3]); jew |

(d) It-tilqim sar wara li l-annimal ġie soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, li sar f'kampjun tad-demm li ttieħed mhux qabel sebat ijiem wara l-bidu ta' perjodu kontinwu ta' iżolament li jkun dam sa 21 jum wara t-tilqim ([3]); jew

(e) It-tilqim sar fl-età ta' bejn 180 u 250 jum, wara li l-annimal ġie soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, jew li sar fl-istess jum mill-istess laboratorju b'titri stabbli jew li kienu qed jonqsu fuq żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas 14-il jum bejniethom ([3]);";

(2) fiċ-ċertifikat tas-saħħa fl-Anness II (B), il-punt (e)(v) tat-Taqsima III huwa sostitwit b'dan li ġej:

"([2]) (v) fil-każ ta' annimal maskili mhux kastrat li għandu iżjed minn 180 jum,

— jew l-arterite virali ekwina ma ġietx uffiċjalment irreġistrata matul l-aħħar sitt xhur ([2]);

jew

— l-annimal kien ittestjat b'kampjun tad-demm meħud fi żmien 21 jum qabel l-esportazzjoni fi ..... ([4]) b'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([2]);

jew

alikwota tal-isperma intiera tiegħu meħuda fi żmien 21 jum qabel l-esportazzjoni fi ..... ([4]) ġiet ittestjata b'test ta' iżolament tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv ([2]);

jew

l-annimal ġie soġġett għal test ta' iżolament tal-virus, għal reazzjoni katina bil-polimeraży (PCR) jew għal reazzjoni katina bil-polimeraży f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tal-isperma intiera tiegħu li nġabret wara d-data ta' kampjun tad-demm ta' dak l-annimal meħud fi ..... ([4]), fi żmien perjodu ta' sitt xhur qabel id-data tal-konsenja, ġie ttestjat f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' mill-inqas 1 f'4 ([2]);

jew

fi żmien perjodu ta' sitt xhur qabel id-data tal-konsenja, l-annimal ekwin maskili, li qabel kien irriżulta pożittiv għall-antikorpi kontra l-arterite virali ekwina jew li tlaqqam kontra l-arterite virali ekwina, kien:

(a) mgħammar b'test, f'jumejn konsekuttivi, ma' mill-inqas żewġ debbiet miżmuma f'iżolament matul sebat ijiem qabel u sa mill-anqas 28 jum wara t-tgħammir b'test, li kienu soġġetti għal żewġ testijiet seroloġiċi għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, fuq kampjuni tad-demm miġbura meta sar it-tgħammir b'test u mill-inqas 28 jum wara t-tgħammir b'test, u

(b) soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina li sar fuq kampjun tad-demm li ttieħed fi żmien 21 jum qabel id-data tal-konsenja fi ..... ([4]):

— jew b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' mill-inqas 1 f'4 ([2]), jew

— b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([2]);

jew

— l-annimal tlaqqam fi ..... ([4]) kontra l-arterite virali ekwina taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti, skont il-programmi għat-tilqim inizjali li ġejjin u reġa' tlaqqam f'intervalli regolari: ([2])

**Programmi għat-tiqlim inizjali kontra l-arterite virali ekwina:**

*Struzzjoni*: *Aqta' l-programmi ta' tilqim li ma jgħoddux għall-annimal deskritt hawn fuq.*

*Ivverifika ċ-ċertifikazzjoni ta' sostenn dwar l-ittestjar qabel it-tilqim, meta jsir it-tilqim u t-tilqim mill-ġdid.*

(a) It-tilqim sar fil-jum li ttieħed il-kampjun tad-demm li sussegwentement irriżulta negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([2]); jew

(b) It-tilqim sar matul perjodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali, li tibda fil-jum li ttieħed il-kampjun tad-demm li ġie ttestjat matul dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4 ([2]); jew

(c) It-tilqim sar meta l-annimal kellu bejn 180 u 270 jum, matul perjodu ta' iżolament taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali. Matul il-perjodu ta' iżolament, żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas għaxart ijiem bejniethom irriżultaw f'titru tal-antikorpi stabbli jew li kien qed jonqos f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina ([2]); jew

(d) It-tilqim sar wara li l-annimal ġie soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, li sar f'kampjun tad-demm li ttieħed mhux qabel sebat ijiem wara l-bidu ta' perjodu kontinwu ta' iżolament li jkun dam sa 21 jum wara t-tilqim ([2]); jew

(e) It-tilqim sar fl-età ta' bejn 180 u 250 jum, wara li l-annimal ġie soġġett għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-arterite virali ekwina li rritorna riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-seru ta' 1 f'4, jew li sar fl-istess jum mill-istess laboratorju b'titri stabbli jew li kienu qed jonqsu fuq żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas 14-il jum bejniethom ([2]);".